Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

1 ta' Frar, 2008

ATT Nru. IV ta' l-2008

ATT biex jagħmel provvedimenti speċjali għall-amministrazzjoni ta' proċeduri ta' adozzjoni u biex jagħmel emendi konsegwenzjali għall-Kodiċi Ċivili

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tar-Rappreżentanti, miġbura f'dan il-Parlament preżenti, u bl-awtorità ta' l-istess Parlament, ħareġ b'liġi dan li ġej:

PARTI I

INTRODUZZJONI U TIFSIR

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2008 dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata ta' Mejju, 2008.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"adozzjoni" tfisser adozzjoni lokali jew bejn pajjiż u ieħor magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament magħmul taħthom;

"adozzjoni bejn pajjiż u ieħor" tfisser adozzjoni magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' l-adozzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u l-liġi ta' pajjiż barrani:

(i) skond il-Konvenzjoni ta' l-Aja jew kull Trattat Internazzjonali fejn Malta hija parti; jew

(ii) f'Malta, fir-rigward ta' tifel jew tifla li m'humiex abitwalment residenti f'Malta, jew favur xi persuna li m'hix abitwalment residenti f'Malta;

"adozzjoni miftuħa" tfisser adozzjoni magħmula skond l-artikolu 22 ta' dan l-Att u l-artikolu 119 tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tagħha tifel jew tifla jżommu kuntatt mal-ġenituri tagħhom u, jew mal-familja naturali tagħhom;

"aġenzija akkreditata" tfisser organizzazzjoni li hija akkreditata mill-awtorità ċentrali, skond il-Konvenzjoni ta' l-Aja, biex tmexxi adozzjonijiet lokali jew bejn pajjiż u ieħor;

"awtorità ċentrali" tfisser l-Awtorità stabbilita bis-saħħa ta' l-artikolu 7;

"Bord għall-Adozzjoni" tfisser il-bord imwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 3;

"Bord ta' Appell" tfisser il-bord imwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 16 jew xi bord amministrattiv jew tribunal ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien isemmi biex jaqdi l-funzjonijiet kollha jew xi wħud minnhom kif speċifikat f'dan l-Att;

"ħaddiem soċjali" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali; Kap. 468.

"Konvenzjoni ta' l-Aja" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ulied u Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

"pajjiż ta' oriġini" fir-rigward ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tfisser il-pajjiż minn fejn tifel jew tifla jiġu adottati;

"qorti" tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja);

"tifel jew tifla" ifissru persuna taħt it-tmintax-il sena.

PARTI II

BORD GĦALL-ADOZZJONI

Twaqqif tal-Bord għall-Adozzjoni.

3. (1) Għandu jkun hemm Bord, magħruf bħala l-Bord għall-Adozzjoni, li jkun kompost minn *Chairperson* u mill-inqas erba' membri oħra. Dan il-Bord għandu jkun kompost kif ġej:

(a) professjonisti li jirrappreżentaw dixxiplini differenti; u

(b) persuna li, fil-fehma tal-Ministru, għandha għarfien adegwat u hija profiċjenti fil-qasam ta' l-adozzjoni.

(2) Il-Ministru għandu jagħmel li jista' biex bħala parti mill-Bord għall-Adozzjoni ikun hemm persuna li tkun għalqet it-tmintax-il sena u li tkun adottata u persuna li hi jew kienet ġenitur adottiv, u dawn il-persuni jistgħu jinħatru f'kull żmien tul it-terminu tal-kariga tal-Bord għall-Adozzjoni.

(3) Persuna ma tikkwalifikax biex tinħatar jew tibqa' fil-kariga bħala membru tal-Bord għall-Adozzjoni jekk dik il-persuna tkun Imħallef, Maġistrat, membru tal-Kamra jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni għall-Kamra jew għal Kunisll Lokali.

(4) Il-membri tal-Bord għall-Adozzjoni għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu minimu ta' sentejn.

(5) Kull membru tal-Bord għall-Adozzjoni jista' jitneħħa mill-Ministru għal raġunijiet ta' inkapaċità biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew għal imġiba ħażina.

(6) Fil-każ li xi membru tal-Bord għall-Adozzjoni iħalli l-kariga tiegħu qabel ma jiskadilu t-terminu tal-ħatra, il-membru maħtur floku għandu jinħatar għaż-żmien tal-ħatra oriġinali li jkun għadu ma skadiex.

(7) Il-Ministru għandu jinnomina persuna biex tagħmilha ta' Segretarju tal-Bord għall-Adozzjoni u din il-persuna għandha, bħala parti minn dmirijietha, tkun responsabbli biex iżżomm id-dokumenti rilevanti u għandha tagħmel kull xogħol ieħor relatat mal-funzjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni skond kif tista' tkun imqabbda mi-*Chairperson*.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kull regolament li jsir taħtu, il-Bord għall-Adozzjoni għandu jirregola l-proċedura tiegħu:

Iżda kull deċiżjoni tal-Bord għall-Adozzjoni għandha tittieħed b'maġġoranza ta' voti; iżda f'każ ta' ugwaljanza ta' voti, iċ-*Chairperson* għandu jkollu wkoll u jeżerċita vot deċiżiv. Is-Segretarju tal-Bord ma jkollux dritt għall-vot.

(9) Il-Bord għall-Adozzjoni għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ, iżda mhux inqas minn darba fix-xahar. Fil-każ ta' talba bil-miktub mill-Ministru jew minn aġenzija akkreditata, li tingħadda permezz tas-Segretarju tal-Bord, dak il-Bord għandu jiltaqa' mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara li ssir it-talba.

(10) Il-Bord għall-Adozzjoni għandu jkollu s-setgħa li jikkonsulta professjonisti jew persuni oħrajn li għandhom għarfien u esperjenza rilevanti fil-qasam ta' l-adozzjoni.

(11) Il-Membri tal-Bord għall-Adozzjoni, is-Segretarju ta' dan il-Bord u kull persuna involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord għall-Adozzjoni għandhom ikunu marbutin bil-konfidenzjalità u m'għandhom jiżvelaw lil terzi ebda informazzjoni li jistgħu jsiru jafu biha tul il-proċeduri. Lanqas m'għandhom dawn il-persuni jiddistribwixxu lil terzi dokumenti tal-Bord għall-Adozzjoni jew kopji tagħhom, għajr meta mitlubin jew awtorizzati jagħmlu dan minn xi qorti.

(12) Il-Bord għall-Adozzjoni għandu jibgħat lill-Ministru rapport annwali ta' l-attivitajiet kollha tiegħu tul is-sena kalendarja preċedenti sa mhux aktar tard mill-ħmistax ta' April ta' kull sena.

Funzjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni.

4. (1) Il-funzjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni għandhom jinkludu:

(a) li jeżamina l-*Home Study Reports* skond il-Parti VI ta' dan l-Att magħmula minn ħaddiem soċjali ta' aġenzija akkreditata;

(b) li jieħu deċiżjoni dwar jekk il-ġenitur adottiv prospettiv huwiex eliġibbli u adatt jew le;

(ċ) li jiżgura li t-tqegħid ikun fl-aħjar interess tat-tifel jew tat-tifla li se jkunu adottati;

(d) li jissottometti rakkomandazzjonijiet lill-qorti u, jew lill-awtorità ċentrali dwar ġenitur adottiv prospettiv;

(e) li jissottometti rakkomandazzjonijiet lil aġenziji akkreditati u, jew lill-Ministru fuq programmi ta' taħriġ u sessjonijiet ta' pariri għal ġenituri adottivi prospettivi;

(f) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru fuq il-parametri li għandhom ikunu stabbiliti dwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' pariri;

(g) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru għal implimentazzjoni aktar effettiva tat-Titolu III ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament li jsir taħtu.

(2) Il-Bord għall-Adozzjoni għandu jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni kollha meqjusa rilevanti għall-proċedura ta' l-adozzjoni u ħadd ma għandu jfixkel lill-Bord fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu.

Rakkomandazzjonijiet mill-Bord għall-Adozzjoni.

5. (1) Il-Bord għall-Adozzjoni għandu jibgħat kopja tad-deċiżjoni tiegħu, li jkun fiha r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, b'posta reġistrata lill-ġenitur adottiv prospettiv u lill-aġenzija akkreditata. Il-ġenitur adottiv prospettiv ikollu dritt ta' appell skond l-artikolu 6.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6, il-Bord għall-Adozzjoni għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu lill-qorti rigward l-eliġibilità u l-addattabilità jew le tal-ġenituri adottivi prospettivi.

(3) Fil-każ ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni għandhom ikunu sottomessi lill-awtorità ċentrali għall-approvazzjoni bil-miktub tagħha qabel ma ssir l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor. Wara li l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tkun ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti barranija, ġenitur adottiv prospettiv għandu jagħmel applikazzjoni lill-qorti biex jitlob rikonoxximent ta' l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għall-finijiet kollha tal-liġi. Meta tiġi biex tieħu d-deċiżjoni tagħha l-qorti għandha tqis kull rakkomandazzjoni tal-Bord għall-Adozzjoni.

Dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni.

6. (1) Ġenitur adottiv prospettiv jista' jappella minn deċiżjoni meħuda mill-Bord għall-Adozzjoni, billi jressaq applikazzjoni quddiem il-Bord ta' Appell sa mhux aktar tard minn għoxrin ġurnata mid-data meta titwassal id-deċiżjoni bil-posta reġistrata.

(2) Kull rakkomandazzjoni magħmula mill-Bord għall-Adozzjoni m'għandhiex tintbagħat lill-qorti:

(a) qabel id-deċiżjoni tal-Bord ta' Appell; jew

(b) qabel ma jgħaddu l-għoxrin ġurnata li jissemmew fl-artikolu 6 jekk ma jkun tressaq l-ebda appell quddiem il-Bord ta' Appell.

PARTI III

AWTORITÀ ĊENTRALI

Twaqqif ta' awtorità ċentrali.

7. (1) Għandu jkun hemm awtorità ċentrali nominata mill-Ministru biex taqdi u twettaq il-funzjonijiet, dmirijiet u responsabbiltajiet speċifikati fit-Titolu III ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, fil-Konvenzjoni ta' l-Aja, fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u f'kull regolament li jsir taħthom.

(2) L-awtorità ċentrali tista' tiddelega lil aġenzija akkreditata kull waħda mill-funzjonijiet, dmirijiet u responsabbiltajiet tagħha li m'humiex regolatorji u li ma jinvolvux l-għoti, iċ-ċaħda jew ir-revoka ta' akkreditament. L-aġenzija akkreditata għandha tkun responsabbli biex teżerċita dawk il-funzjonijiet, dmirijiet u, jew responsabbiltajiet skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) L-awtorità ċentrali għandha żżomm reġistru, li jkun magħruf bħala "ir-Reġistru ta' Riunjoni u Informazzjoni", bid-dettalji ta' kuntatt ta' persuni 'l fuq minn tmintax-il sena li jkunu partijiet fi proċeduri għal adozzjoni jew li huma qraba b'konsangwinità sat-tielet grad inklużiv, jew ta' persuna li kienet parti fi proċeduri ta' adozzjoni u li jitolbu li jiddaħħlu f'dan ir-reġistru billi jimlew il-formola approvata u provduta mill-awtorità ċentrali. Ebda informazzjoni li tinsab f'dan ir-Reġistru m'għandha tingħata lil xi persuna mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-persuna li jkunu ntalbu d-dettalji tagħha.

Kontroll ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor.

8. L-awtorità ċentrali għandha ssegwi l-proċeduri kollha għal adozzjoni bejn pajjiż u ieħor li jistgħu jsiru biss wara li tinkiseb l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-awtorità ċentrali skond dan l-Att.

Kif jintlaqgħu applikazzjonijiet għal akkreditament.

9. (1) L-awtorità ċentrali għandha tkun l-awtorità responsabbli biex tilqa' applikazzjonijiet għal akkreditament minn organizzazzjonijiet li japplikaw biex jagħmlu adozzjonijiet lokali u, jew bejn pajjiż u ieħor. L-awtorità ċentrali għandha s-setgħa li tagħti, tiċħad jew tirrevoka akkreditament konformement mal-Konvenzjoni ta' l-Aja, mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ma' kull regolament li jsir taħthom.

(2) L-awtorità ċentrali għandha tkun responsabbli biex tistabbilixxi kriterji għall-għoti, iċ-ċaħda jew ir-revoka ta' akkreditament.

PARTI IV

AKKREDITAMENT

Applikazzjoni għall-għoti ta' akkreditament.

10. (1) Kull organizzazzjoni tista' tapplika lill-awtorità ċentrali għal akkreditament fil-forma approvata u provduta minn din l-awtorità, biex tkun tista' tagħmel adozzjoni lokali u, jew bejn pajjiż u ieħor.

(2) L-awtorità ċentrali tista', f'kull ħin waqt l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni, titlob lil organizzazzjoni biex tagħtiha dokumenti u informazzjoni meqjusin neċessarji sabiex tkun tista' taċċerta jekk għandhiex tingħata akkreditament.

Akkreditament ta' organizzazzjoni.

11. L-awtorità ċentrali tista' takkredita organizzazzjoni jekk tkun sodisfatta li l-organizzazzjoni:

(a) għandha esperjenza u sengħa biżżejjed biex tittratta materji li għandhom x'jaqsmu ma' tfal u familja; u

(b) għandha għadd biżżejjed ta' nies li huma mħarrġa biex jagħmlu adozzjoni lokali u, jew bejn pajjiż u ieħor; u

(ċ) għandha l-kompetenza amministrattiva u legali biex taqdi l-funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri ta' adozzjoni; u

(d) tkun konformi mal-kriterji ta' akkreditament speċifikati fil-Konvenzjoni ta' l-Aja.

Ċertifikat ta' akkreditament.

12. (1) Meta tagħti akkreditament lil xi organizzazzjoni, l-awtorità ċentrali għandha toħroġ Ċertifikat ta' Akkreditament li jkun validu għal perjodu ta' sentejn mid-data tal-ħruġ tiegħu.

(2) Iċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (1) jista' jiġi mġedded mill-awtorità ċentrali jekk l-aġenzija akkreditata tapplika għal tiġdid sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma jiskadi l-akkreditament tagħha u t-tiġdid jingħata biss jekk l-aġenzija akkreditata tkun għadha konformi ma' l-artikoli 10 u 11. Id-deċiżjoni ta' l-awtorità ċentrali dwar jekk iċ-ċertifikat ta' l-akkreditament għandux jiġi mġedded għandha tiġi notifikata lill-aġenzija akkreditata, b'posta reġistrata, fi żmien tletin ġurnata mill-applikazzjoni għat-tiġdid.

Ċaħda ta' applikazzjoni.

13. (1) L-awtorità ċentrali għandha d-dritt li tiċħad applikazzjoni għal akkreditament jekk hija tqis li l-organizzazzjoni ma tkunx adatta biex tagħti servizzi ta' adozzjoni. Iċ-ċaħda flimkien mar-raġunijiet għaliha għandhom jintbagħtu bil-miktub, b'posta reġistrata, lill-organizzazzjoni li tkun applikat għal akkreditament fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-applikazzjoni.

(2) L-organizzazzjoni jkollha d-dritt titlob bdil fid-deċiżjoni ta' l-awtorità ċentrali billi tippreżenta applikazzjoni quddiem il-Bord ta' Appell, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tiġi notifikata kif speċifikat fis-subartikolu (1).

(3) L-organizzazzjoni għandha d-dritt tagħmel applikazzjoni mill-ġdid lill-awtorità ċentrali għal akkreditament jekk ir-raġuni għaċ-ċaħda ma tkunx għadha teżisti.

Revoka ta' akkreditament.

14. (1) L-awtorità ċentrali għandha d-dritt tirrevoka l-akkreditament ta' aġenzija f'kull waqt jekk l-aġenzija:

(a) tressaq talba bil-miktub għal revoka;

(b) ma tibqax konformi mal-kriterji ta' eliġibilità għal akkreditament;

(ċ) ma tibqax titqies adatta biex tipprovdi servizzi ta' adozzjoni;

(d) tkun qegħda tikser il-kondizzjonijiet għal akkreditament skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-awtorità ċentrali għandha tinnotifika lill-aġenzija, b'posta reġistrata, bir-revoka li tingħata bil-miktub flimkien mar-raġunijiet għaliha u din ir-revoka għandha tidħol fis-seħħ fid-data meta ssir in-notifika.

(3) Jekk l-akkreditament ikun revokat minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(b), (ċ) jew (d), l-aġenzija għandha d-dritt li tressaq applikazzjoni quddiem il-Bord ta' Appell u titlob it-tħassir tad-deċiżjoni ta' l-awtorità ċentrali, u dan fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika msemmija fis-subartikolu (2).

(4) Jekk jitressaq appell skond is-subartikolu (3), l-aġenzija tista' titlob lill-Bord ta' Appell jissospendi d-deċiżjoni ta' l-awtorità ċentrali sakemm tittieħed deċiżjoni finali.

(5) Jekk l-akkreditament ta' aġenzija ikun revokat, iċ-ċertifikat ta' akkreditament u r-*records* u d-dokumentazzjoni kollha relatati mas-servizzi ta' qabel l-adozzjoni u ta' l-adozzjoni jsiru propjetà ta' l-awtorità ċentrali. L-awtorità ċentrali tista' taħtar aġenzija akkreditata oħra biex ikollha l-kustodja ta' dawk ir-*records* u d-dokumentazzjoni, tkompli ssegwi lill-ġenituri adottivi prospettivi, u taqdi l-funzjonijiet kollha li kellha dik l-aġenzija li jkun ġie revokat l-akkreditament tagħha, skond l-artikolu 22.

Pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

15. (1) Tul ix-xahar ta' Jannar ta' kull sena, l-awtorità ċentrali għandha tippubblika fil-Gazzetta:

(a) lista ta' l-aġenziji akkreditati kollha u tispeċifika l-isem sħiħ tagħhom, l-indirizz reġistrat u dettalji rilevanti oħra biex ikun jista' jsir kuntatt magħhom;

(b) lista ta' aġenziji akkreditati li kellhom l-akkreditament tagħhom revokat tul is-sena kalendarja ta' qabel; u

(ċ) kull bidla fil-kondizzjonijiet meħtieġa għall-akkreditament jew għat-tiġdid.

(2) Il-listi fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) għandhom ikunu notifikati mill-awtorità ċentrali lill-Buró Permanenti tal-Konferenza ta' l-Aja.

PARTI V

BORD TA' APPELL

Twaqqif ta' Bord ta' Appell.

16. (1) Għandu jkun hemm Bord ta' Appell magħmul minn *Chairperson* u żewġ membri oħra. Wieħed minn dawn għandu jkun persuna li kellha *warrant* biex teżerċita l-professjoni ta' avukat għal mill-inqas seba' snin.

(2) Il-membri tal-Bord ta' Appell għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' tliet snin, u jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Ministru għal raġunijiet ta' inkapaċità bil-provi biex jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom jew għal imġiba ħażina bil-provi.

(3) Membru tal-Bord ta' Appell jista' jkun kontestat jew jista' jastjeni għal xi waħda mir-raġunijiet li għalihom imħallef jista' jkun kontestat jew jista' jastjeni skond l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'każ bħal dak, il-Ministru għandu jaħtar persuna oħra biex tkun membru tal-Bord ta' Appell biex

Kap. 12.

tissostitwixxi lill-membru msemmi sakemm ikun għaddej l-appell in kwistjoni.

(4) Persuna ma tikkwalifikax biex tinħatar jew tibqa' fil-kariga bħala membru tal-Bord ta' Appell jekk dik il-persuna tkun Imħallef, Maġistrat, membru tal-Kamra jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni għall-Kamra jew għal Kunsill Lokali.

Ġurisdizzjoni u setgħat tal-Bord ta' Appell.

17. (1) Il-Bord ta' Appell għandu jkun kompetenti li:

(a) jikkunsidra mill-ġdid deċiżjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni meta jitressaq appell skond l-artikolu 6;

(b) jikkunsidra mill-ġdid deċiżjonijiet ta' l-awtorità ċentrali meta jitressaq appell skond l-artikoli 13 u 14;

(ċ) jisma' u jiddeċiedi appell imressaq skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu;

(d) jaqdi kull funzjoni oħra kif il-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att.

(2) Biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, il-Bord ta' Appell għandu jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-proċedura ta' adozzjoni u ħadd ma jista' jfixklu fil-qadi ta' dawn il-funzjonijiet.

(3) Il-Bord ta' Appell ikollu dawk is-setgħat li bis-saħħa tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-Bord ta' Appell jista' jsejjaħ lil kull persuna biex tixhed u tipproduċi d-dokumentazzjoni neċessarja. Għal dan l-għan iċ-*Chairperson* għandu s-setgħa li jagħti ġuramenti.

(5) Il-Bord ta' Appell għandu jiddeċiedi fuq rikors għal appell sa mhux aktar tard minn erba' xhur minn meta jiġi ppreżentat ir-rikors, sakemm fil-fehma taċ-*Chairperson* ma jkunx meħtieġ perjodu itwal għal xi raġuni valida li tingħata u tiġi reġistrata fil-proċeduri tal-każ.

(6) Deċiżjoni mogħtija mill-Bord għall-Adozzjoni jew mill-awtorità ċentrali għandu jkollha effett immedjat kemm-il darba l-Bord

ta' Appell ma jiddeċidix li jissospendiha sakemm tingħata s-sentenza finali.

(7) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Appell, flimkien mar-raġunijiet għaliha, għandhom jintbagħtu b'posta reġistrata lir-rikorrenti, lill-Bord għall-Adozzjoni u lill-awtorità ċentrali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta tittieħed dik id-deċiżjoni.

(8) F'każijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Bord ta' Appell skond is-subartikolu (1), ikun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Appell.

PARTI VI

AĠENZIJI AKKREDITATI

Arranġamenti għal adozzjoni.

18. Organizzazzjoni għandha titqies li tkun għamlet arranġamenti għall-adozzjoni ta' xi tifel jew tifla jekk tidħol f'xi ftehim jew tagħmel aranġamenti biex tiffaċilita l-adozzjoni tagħhom.

Politika u proċeduri.

19. Aġenzija akkreditata għandha tiżviluppa, taġġorna u tesegwixxi politika, proċeduri u manwali miktubin li jkunu soġġetti għall-approvazzjoni ta' l-awtorità ċentrali. Dawn il-proċeduri, politika u manwali miktubin għandhom jinkludu proċeduri ta' taħriġ u assessjar, u tqabbil ta' ġenituri adottivi prospettivi ma' tfal, f'każijiet ta' adozzjonijiet lokali.

Informazzjoni lil ġenituri adottivi prospettivi.

20. Qabel ma jibda l-proċess ta' adozzjoni, l-aġenzija akkreditata għandha:

(a) tinforma lill-ġenituri adottivi prospettivi bl-objettivi, setgħat u ħidmiet tagħha;

(b) tgħaddi kopja taċ-ċertifikat ta' akkreditament lill-ġenituri adottivi prospettivi bħala prova ta' l-akkreditament tagħha;

(ċ) tinforma lill-ġenituri adottivi prospettivi b'kull rekwiżit legali; u

(d) tispjega l-ftehim bil-miktub li l-ġenituri adottivi prospettivi jridu jiffirmaw fir-rigward tas-servizzi li jingħatawlhom u l-ħlasijiet li għandhom isiru.

Reġistri li għandhom jinżammu.

21. Aġenzija akkreditata għandha żżomm reġistru wieħed jew aktar li jkun fihom listi:

(a) tal-ġenituri adottivi prospettivi reġistrati magħha; u

(b) ta' l-adozzjonijiet li tkun għamlet, b'indikazzjoni tat-tfal li jkunu ġew adottati minn persuni li qabel ikunu reġistrati magħha bħala ġenituri adottivi prospettivi.

Funzjonijiet ta' aġenziji akkreditati.

22. (1) Aġenzija akkreditata tkun responsabbli biex:

(a) tipprovdi servizz skond *standards*, kriterji u proċeduri stabbiliti mill-awtorità ċentrali;

(b) tirċievi u tipproċessa applikazzjonijiet minn persuni li jkunu jixtiequ jadottaw tifel jew tifla;

(ċ) tipprovdi taħriġ lill-ġenituri adottivi prospettivi;

(d) tagħmel rapport li jissejjaħ "*Home Study Report*" fuq is-sitwazzjoni tal-ġenitur adottiv prospettiv, inkluża kull rakkomandazzjoni fuq jekk dak il-ġenitur adottiv prospettiv għandux jitħalla jadotta u r-raġunijiet għaliex;

(e) tqis jekk il-ġenituri adottivi prospettivi jkunux adatti;

(f) tiżgura li kull tqegħid ta' adozzjoni jkun fl-aħjar interess tal-persuna li ser tkun adottata;

(g) tikkompila ftehim ta' adozzjoni miftuħa u eżami mill-ġdid tagħha skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu;

(h) tagħmel rapport, li jissejjaħ "Rapport ta' wara l-Adozzjoni" fuq is-sitwazzjoni tal-ġenituri adottivi u tat-tifel jew tat-tifla adottati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(i) tagħti lill-awtorità ċentrali aċċess għal kull *record* u dokumentazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma proċeduri ta' adozzjoni ta' xi tifel jew tifla u għal rapporti dwar xi ġenitur adottiv jew ġenitur adottiv prospettiv, inklużi l-*Home Study Report* u r-Rapport ta' wara l-Adozzjoni;

(j) tagħti lill-awtorità ċentrali aċċess għall-kontijiet tagħha u għall-kontijiet verifikati minn awditur;

(k) fl-aħħar ta' kull sena kalendarja tibgħat rapport lill-awtorità ċentrali dwar l-operat tal-funzjonijiet tagħha;

(l) tikkonforma ruħha ma' kull dmir u obbligu ieħor kif speċifikati mill-awtorità ċentrali jew li jista' joħroġ minn monitoraġġ regolari ta' l-operat ta' l-aġenzija akkreditata mill-awtorità ċentrali;

(m) taġixxi skond it-Titolu III ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, il-Konvenzjoni ta' l-Aja u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Għall-finijiet tal-preparazzjoni tal-*Home Study Report* u tar-Rapport ta' wara l-Adozzjoni, il-ħaddiem soċjali awtorizzat mill-aġenzija akkreditata għandu jagħmel iż-żjarat meħtieġa fid-dar. Dawn iż-żjarat jistgħu jsiru bla avviż minn qabel, u l-ġenituri adottivi prospettivi ma jistgħux jiċħdu lill-ħaddiem soċjali milli jidħol id-dar, għandhom jikkoperaw mal-ħaddiem soċjali u għandhom jagħtu informazzjoni korretta safejn ikunu jafu huma.

(3) Il-*Home Study Report* għandu jintbagħat lill-Bord għall-Adozzjoni sabiex dan jagħti r-rakkomandazzjoni finali lill-qorti. Dan ir-rapport jibqa' validu għal perjodu ta' sentejn, u wara jkun meħtieġ *Home Study Report* ġdid.

(4) Fil-każ ta' tifel jew tifla li jkollhom ħdax-il sena, u jekk ikun fl-aħjar interess tagħhom, l-aġenzija akkreditata għandha tagħmel ftehim ta' adozzjoni miftuħa, jew direttament jew permezz ta' medjatur tal-familja, wara li tkun semgħet lit-tifel jew lit-tifla u kisbet il-kunsens tal-ġenituri u tal-ġenituri adottivi prospettivi. Meta l-ftehim ikun sar u ġie ffirmat, l-aġenzija akkreditata għandha titlob l-approvazzjoni tal-Bord għall-Adozzjoni. Dan il-ftehim ma jkunx jista' jiġi infurzat mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti skond l-artikolu 119 tal-Kodiċi Ċivili.

(5) L-aġenzija akkreditata tkun responsabbli biex tagħmel reviżjonijiet għall-ftehim ta' adozzjoni miftuħa u biex titlob l-approvazzjoni tal-Bord għall-Adozzjoni għal dawn ir-reviżjonijiet.

Rapporti ta' wara l-Adozzjoni.

23. (1) L-adozzjonijiet kollha huma soġġetti għal Rapporti ta' wara l-Adozzjoni, u l-ġenituri adottivi għandhom jikkoperaw mal-ħaddiem soċjali sabiex isir dan ir-rapport.

(2) Fil-każ ta' adozzjoni lokali, ir-Rapporti ta' wara l-Adozzjoni għandhom isiru għal perjodu speċifikat mill-aġenzija akkreditata li f'ebda każ m'għandu jeċċedi s-sentejn mid-data ta' l-adozzjoni.

(3) Fil-każ ta' adozzjoni minn pajjiż għal ieħor, ir-Rapporti ta' wara l- Adozzjoni għandhom isiru għal perjodu speċifiku skond ir-rekwiżiti tal-pajjiż ta' oriġini u jiġu mibgħutin lill-awtorità rilevanti fil-pajjiż ta' oriġini, skond ir-rekwiżiti tiegħu.

Tqabbil.

24. Fil-każ ta' adozzjonijiet lokali, aġenzija akkreditata għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex tqabbel ġenituri adottivi prospettivi ma' tfal li ser jiġu adottati. L-aġenzija akkreditata għandha tiżgura li t-tqabbil ikun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla li jkunu ser jiġu adottati u li l-ħaddiema soċjali kollha li jkunu assenjati biex jaqdu dmirijiet ta' tqabbil fir-rigward tal-proċeduri ta' adozzjoni, jkunu mħarrġa b'mod adegwat sabiex jaqdu din il-funzjoni.

PARTI VII

REATI

Tfixkil.

25. Kull persuna li b'xi mod tfixkel jew tostakola lill-Bord għall-Adozzjoni, lill-Bord ta' Appell, lill-awtorità ċentrali jew lil aġenzija akkreditata fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħhom tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Adozzjoni minn persuni jew organizzazzjonijiet.

26. (1) Persuna jew organizzazzjoni li tagħmel arranġamenti għall-adozzjoni ta' xi tifel jew tifla mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità ċentrali tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull kundanna taħt is-subartikolu (1) għandha tkun notifikata mir-Reġistratur tal-Qrati lill-qorti li tkun tat id-digriet ta' l-adozzjoni, u dik il-qorti għandha tieħu dawk il-miżuri li hi tqis espedjenti fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla, inkluża r-revoka tad-digriet ta' adozzjoni jekk iċ-ċirkustanzi jitolbu hekk.

Reati ohrajn.

27. Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 25 jew għal xi piena speċifika mogħtija taħt xi liġi oħra, kull persuna li taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (232.93) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

PARTI VIII

REGOLAMENTI

Regolamenti.

28. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti:

(a) għall-akkreditament, monitoraġġ u kontroll ta' aġenziji akkreditati, inkluża kull tariffa applikabbli, u għar-rifjut jew revoka ta' dan l-akkreditament;

(b) biex jistabbilixxi l-proċedura li għandha tkun segwita mill-Bord għall-Adozzjoni u, jew mill-awtorità ċentrali;

(ċ) biex jistabbilixxi r-regoli dwar is-setgħat tal-Bord ta' Appell u l-proċeduri li għandu jsegwi;

(d) għal kull materja inċidentali u supplementari li l-Ministru jqis spedjenti li jipprovdi dwarha għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) biex jistabbilixxi penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

PARTI IX

EMENDI GĦALL-KODIĊI ĊIVILI, KAP. 16

Emenda ta' l-artikolu 113 tal-liġi prinċipali.

29. L-artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali", għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu u ta' kull regolament magħmul taħtu, persuna għandha titqies li tkun għamlet jew ħadet sehem f'arranġamenti għall-adozzjoni ta' persuna jekk tidħol għal jew tagħmel xi ftehim jew arranġament, jew tiffaċilita l-adozzjoni ta' persuna minn xi persuna oħra.";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "magħmula skond dan il-Kodiċi" għandhom jidħlu l-kliem "magħmula skond dan il-Kodiċi u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni" u minflok il-kliem "tinkludi adozzjoni barranija" għandhom jidħlu l-kliem "tinkludi adozzjoni bejn pajjiż u ieħor" u minnufih wara għandu jiddaħħal il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) "Bord għall-Adozzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni;";

(ċ) paragrafu (ċ) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d) u minnufih wara għandhom jiddaħħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(e) "medjatur tal-familja" tfisser medjatur kif speċifikat fir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja);

Cap. 491.

(f) "*foster carer*" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl- artikolu 2 ta' l-Att dwar il-*Foster Care*;

(g) "adozzjoni bejn pajjiż u ieħor" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni;

Kap. 468.

(h) "ħaddiem soċjali" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali.".

(d) il-paragrafu (d) għandu jitħassar;

(e) immedjatament wara s-subartikolu (2) għandu jiddaħħal is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(a) "aġenzija akkreditata" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni;

(b) "Bord ta' Appell" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni;

(ċ) "awtorità ċentrali" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni;

(d) "tifel jew tifla" tfisser persuna taħt it-tmintax-il sena;

(e) "pajjiż ta' oriġini" fir-rigward ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għandha tfisser il-pajjiż minn fejn it-tifel jew it-tifla jkunu ġew adottati;

(f) "Konvenzjoni ta' l-Aja" tfisser il- Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ulied u Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor;

(g) "adozzjoni miftuħa" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni.".

30. L-artikolu 114 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 114 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mogħti fuq rikors ta' persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor." għandhom jidħlu l-kliem "wara rakkomandazzjoni magħmula mill-Bord għall-Adozzjoni, mogħtija fuq rikors ta' persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ta' mhux inqas minn ħames snin" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mhux inqas minn tliet snin" u fil-proviso tiegħu, minflok il-kliem "jkunu ilhom miżżewġin għal anqas minn ħames snin." għandhom jidħlu l-kliem "jkunu ilhom miżżewġin għal anqas minn tliet snin u l-qorti ma tkunx marbuta li titlob jew tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord għall-Adozzjoni.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) għandu jiddaħħal is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fil-każ ta' persuna li għalqet it-tmintax-il sena u li se tkun adottata skond l-artikolu 115(2)(a), ebda rakkomandazzjoni ma tkun meħtieġa mill-Bord għall-Adozzjoni u m'għandu jinħatar ebda ħaddiem soċjali u, jew avukat tat-tfal.".

31. L-artikolu 115 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 115 tal-liġi prinċipali.

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u jkun sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) ikun laħaq l-età ta' tmienja u għoxrin sena u jkun mill-inqas wieħed u għoxrin sena akbar iżda mhux aktar minn ħamsa u erbgħin sena akbar mill-persuna li tkun se tiġi adottata:

Iżda jekk l-applikant jew applikanti jitolbu lill-qorti għal awtorizzazzjoni biex jadottaw aħwa, ir-restrizzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha titqies li tkun sodisfatta jekk ikun hemm id-differenza rikjesta fl-età mill-inqas fir-rigward ta' wieħed mit-tfal, u jekk l-adozzjoni ser tkun fl-aħjar interessi tat-tfal kollha involuti; jew";

(b) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(a) dwar persuna li tkun laħqet l-età ta' tmintax-il sena ħlief:

(i) favur applikant uniku li jkun l-omm jew il-missier tal-persuna li ser tiġi adottata; jew

(ii) favur il-ġenitur u l-konjuġi, jekk il-persuna li ser tkun adottata kienet għexet ma' dak il-ġenitur u l-konjuġi għal mill-inqas ħames snin konsekuttivi u tagħti l-kunsens għall-adozzjoni; jew

(iii) favur *foster carer* li jkun ħa ħsieb lill-persuna li ser tiġi adottata għal mill-inqas il-ħames snin ta' qabel, jekk il-persuna li ser tiġi adottata tagħti l-kunsens għall-adozzjoni;";

(ċ) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u l- paragrafi (ċ) u (d) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (b) u (ċ) rispettivament;

(d) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "u li jkun ħaj;" għandhom jidħlu l-kliem "u li jkun ħaj, anke jekk il-ġenitur ma jkunx għadu għalaq it-tmintax-il sena;";

(e) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jekk din tkun ħajja;" għandhom jidħlu l-kliem "jekk din tkun ħajja, anke jekk ma tkunx għalqet it-tmintax-il sena;";

(f) il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) għandu jitħassar u jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(d) meta l-persuna li tkun ser tiġi adottata tkun għalqet ħdax-il sena, ħlief bil-kunsens tagħha u wara li tkun ġiet assistita minn avukat tat-tfal.";

(g) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) tisma' lil kull persuna li tkun ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tifel jew tat-tifla li jkunu ser jiġu adottati;";

(ii) il-paragrafi (a) u (b) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (b) u (ċ) rispettivament;

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "li tkun ser tiġi adottata jew jekk il-qorti tkun sodisfatta li jkun ikkontribwixxa għall-manteniment tagħha jew ikun wera" għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ser tiġi adottata u jekk il-qorti tkun sodisfatta li jkun ikkontribwixxa għall-manteniment tagħha u jkun wera";

(iv) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "skond il-każ." għandhom jidħlu l-kliem "skond il-każ;" u minnufih wara għandu jiżdied dan li ġej:

"(d) tisma' lill-avukat tat-tfal u, jew lill-ħaddiem soċjali maħturin mill-qorti biex iħarsu l-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla u biex jiżguraw li jkunu rappreżentati.".

32. L-artikolu 116 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 116 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tkun għalqet l-età ta' sitt ġimgħat." għandhom jidħlu l-kliem "tkun għalqet l-età ta' sitt ġimgħat:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda qabel ma jingħata d-digriet ta' adozzjoni, l-applikant jew applikanti jistgħu jitolbu lill-qorti biex taghtihom il-kura u l-kustodja temporanja tat-tifel jew tifla li jkunu ser jiġu adottati." ;

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Tul il-perjodu ta' tliet xhur speċifikat fis-subartikolu (1), l-aġenzija akkreditata responsabbli għat-tqegħid għal adozzjoni għandha tieħu kull miżura li tqis spedjenti biex tiżgura li t-tqegħid ma' l-applikant jew applikanti jkun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla u, jekk it-tqegħid ma jitqiesx li hu fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla, l-aġenzija akkreditata għandha titlob lill-Bord għall-Adozzjoni sabiex jitlob l-awtorizzazzjoni tal-qorti għat-tneħħija tat-tifel mit-tqegħid.

Emenda ta' l-artikolu 117 tal-liġi prinċipali.

33. (1) Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 117 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar u jkun sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' ħelsien minn xi kunsens bħal dan, illi:

(i) il-persuna li tkun meħtieġa tagħti l-kunsens tagħha ma tkunx kapaċi tagħti dak il-kunsens; jew

(ii) il-ġenitur ma jkunx jista' jinstab jew ikun abbanduna, ittraskura jew persistement ittratta ħażin, ittraskura jew irrifjuta milli jikkontribwixxi għall-manteniment tal-persuna li tkun ser tiġi adottata, jew kien talab jew ipprova jikseb xi ħlas jew kumpens ieħor għal jew minħabba l-għoti tal-kunsens meħtieġ dwar l-adozzjoni; jew

(iii) wieħed mill-ġenituri jkun qed jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu mingħajr raġuni valida; jew

(iv) wieħed mill-ġenituri tista' titneħħielhom is-setgħa ta' ġenitur minn fuq it-tifel jew it-tifla li jkunu ser jiġu adottati skond l-artikolu 154 (1); jew

(v) it-tifel jew it-tifla li jkunu ser jiġu adottati m'humiex fil-kura u l-kustodja ta' xi wieħed mill-ġenituri u l-Bord għall-Adozzjoni jiddikjara li m'hemm ebda tama li t-tifel jew it-tifla jistgħu jingħaqdu mill-ġdid ma' ommhom u, jew ma' missierhom; jew

(vi) il-ġenitur jew ġenituri, mingħajr raġuni valida, ma kellhomx kuntatt mat-tifel jew mat-tifla li jkunu ser jiġu adottati għal mill-inqas tmintax-il xahar; jew

(vii) ikun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla li jkunu ser jiġu adottati li dan il-kunsens ma jintalabx.".

(2) Immedjatament wara s-subartiklu (3) ta' l-artiklu 117 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartiklu (4) ġdid li ġej:

"(4) Il-Qorti tista' tiddispensa minn kull kunsens jew smiegħ meħtieġ għall-adozzjoni wara talba minn avukat tat-tfal li ssir f'isem tifel jew tifla li għandhom ħdax-il sena 'l fuq u li jixtiequ jkunu adottati.".

34. L-artikolu 119 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 119 tal-liġi prinċipali.

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "li l-qorti tista' tapprova." għandhom jidħlu l-kliem "li l-qorti tista' tapprova;" u minnufih wara għandu jidħol dan li ġej:

"(d) li tkun ingħatat konsiderazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) għandu jiddaħħal is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Fil-każ ta' tifel jew tifla li jkunu għalqu l-età ta' ħdax-il sena u jekk ikun fl-aħjar interess tagħhom, il-qorti tista', meta tagħti d-digriet ta' adozzjoni, tawtorizza ftehim ta' adozzjoni miftuħa li jkun ġie approvat mill-Bord għall-Adozzjoni, li bih il-ġenituri u, jew il-familja naturali jibqgħu jżommu kuntatt mat-tifel jew mat-tifla:

Iżda l-qorti għandha tiżgura li l-ftehim ta' adozzjoni miftuħa jkun sar wara li t-tifel jew it-tifla u l-partijiet ikunu taw il-kunsens tagħhom għalih:

Iżda wkoll kull emenda għall-ftehim ta' adozzjoni miftuħa ma jkollhiex effett qabel ma tkun awtorizzata mill-Qorti.

35. L-artikolu 120 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 120 tal-liġi prinċipali.

(a) id-disposizzjoni preżenti ta' l-artikolu sħiħ għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala subartikolu (1) ta' l-artikolu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta jsir rikors għal digriet ta' adozzjoni ta' persuna li ser tiġi adottata, il-qorti tista' minn jeddha jew wara rikors ta' persuna li jkollha interess, inkluż it-tifel jew it-tifla li jkunu ser jiġu adottati, taħtar avukat tat-tfal u, jew ħaddiem soċjali biex tiżgura li t-tifel jew it-tifla jiġu rappreżentati b'mod adegwat u li l-aħjar interessi tagħhom ikunu mħarsa.".

Emenda ta' l-artikolu 121 tal-liġi prinċipali.

36. Fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 121 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "jagħti kont ta' ħekk lill-adottant." għandhom jidħlu l-kliem "jagħti kont ta' ħekk lill-adottant;" u minnufih wara għandu jiddaħħal dan li ġej:

"(d) fil-każ ta' adozzjoni miftuħa, l-ġenituri jkollhom id-dritt li jżommu kuntatt mal-persuna li fir-rigward tagħha jkun inħareġ id-digriet ta' adozzjoni;

(e) il-qorti għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti li d-digriet ta' adozzjoni ġieb fi tmiemha l-ordni għal ħarsien jekk digriet ta' adozzjoni jkun sar fir-rigward ta' tifel jew tifla li qegħdin taħt ordni għal ħarsien maħruġ bis-saħħa ta' l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien).".

Kap. 285.

Emenda ta' l-artikolu 122 tal-liġi prinċipali.

37. L-artikolu 122 tal-liġi prinċipali għandu jkun emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "dwar persuna li tkun imnissla" sal-kliem "ta' dik il-persuna jkun intrabat" għandhom jidħlu l-kliem ", kull sentenza, digriet jew ordni għall-ħlas tal-manteniment fis-seħħ dwar dik il-persuna, u kull ftehim li bih il-ġenitur ta' dik il-persuna jkun intrabat";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "dwar dik il-persuna kemm-il darba d-digriet ta' adozzjoni ma jkunx ġie mogħti fuq rikors ta' l-omm ta' dik il-persuna biss" għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 124 tal-liġi prinċipali.

38. L-artikolu 124 tal-liġi prinċipali għandu jkun emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "għandha tieħu l-kunjom ta' l-adottant:" għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta d-digriet ta' adozzjoni jkun sar favur tnejn miżżewġin, il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandha tieħu l-kunjom tal-missier adottiv, li miegħu jista' jiżdied il-kunjom ta' l-omm adottiva:" ; u

(b) fil-proviso tiegħu, minflok il-kelma "Iżda" għandu jkun sostitwit il-kliem "Iżda wkoll" u minflok il-kliem "ma tkunx għalqet l-erba' snin" għandu jkun sostitwit il-kliem "ma tkunx għalqet it-tliet snin".

Żjieda ta' artikolu ġdid 127A mal-liġi prinċipali.

39. Minnufih wara l-artikolu 127 tal-liġi prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej:

"Dritt għal informazzjoni.

127A. (1) Persuna li tkun adottat jew persuna adottata li tkun għalqet it-tmintax-il sena jistgħu jagħmlu rikors fil-qorti sabiex jitolbu kopja tad-digriet ta' adozzjoni rilevanti u, jew dettalji tal-familja naturali tal-persuna adottata u, jew tat-tqegħid ta' adozzjoni.

(2) Persuna adottata li tkun għalqet it-tmintax-il sena jkollha d-dritt li tagħmel rikors lill-qorti għal awtorizzazzjoni biex tikseb kopja taċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali tagħha mir-Reġistru Pubbliku.

(3) Qabel ma tagħti ordni dwar dak li hemm fis-subartikoli (1) u (2), il-qorti għandha tisma' lir-rikorrent u lil kull persuna oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkustanzi.".

Emenda ta' l-artikolu 128 tal-liġi prinċipali.

40. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 128 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "meta jinsab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati, priġunerija għal perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitt lira jew it-tnejn flimkien," għandhom jidħlu l-kliem "meta jinsab ħati, priġunerija għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew għal multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien," u minflok il-kliem "sakemm ikunu jistgħu jsiru arranġamenti oħra għalih." għandhom jidħlu l-kliem "sakemm ikunu jistgħu jsiru arranġamenti oħra għalih. Il-persuna misjuba ħatja ta' reat skond dan l-artikolu tkun ukoll responsabbli li trodd lura kull ammont imħallas lilha.".

Żjieda ta' artikoli ġodda 128A sa 128 F mal-liġi prinċipali.

41. Minnufih wara l-artikolu 128 għandhom jidħlu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Projbizzjoni ta' pubblikazzjoni.

128A. (1) Ebda persuna m'għandha, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub ta' aġenzija akkreditata, tippubblika jew tara li jkun ippubblikat f'xi gazzetta, perjodiku jew xi materja stampata oħra jew permezz ta' xandir, televiżjoni, esibizzjoni pubblika jew b'xi mezz jew medja ieħor, xi riklam, aħbar jew materja oħra indikata, kemm f'dak li għandu jew m'għandux x'jaqsam ma' xi tifel jew tifla partikolari, sew imwieled sew mhux, li:

(a) tifel jew tifla jistgħu jiġu adottati;

(b) persuna tkun bi ħsiebha tadotta tifel jew tifla; jew

(ċ) persuna tkun bi ħsiebha jew lesta li tagħmel arranġamenti bil-ħsieb li ssir adozzjoni ta' tifel jew tifla.

(2) Jekk ma tkunx awtorizzata mill-qorti, ebda persuna m'għandha tippubblika jew tara li jkun ippubblikat f'xi gazzetta, perjodiku jew xi materja stampata oħra jew permezz ta' xandir jew televiżjoni, esibizzjoni pubblika jew b'xi mezz jew medja ieħor, xi ħaġa relatata ma' applikazzjoni għall-adozzjoni ta' tifel jew ta' tifla jew ma' proċeduri ta' adozzjoni inklużi:

(a) isem l-applikant jew l-applikanti;

(b) isem il-persuna li tkun jew ser tiġi adottata;

(ċ) isem il-missier, l-omm, il-kuratur jew it-tutur tat-tifel jew tat-tifla li jkunu jew ser jiġu adottati; jew

(d) kull ħaġa li x'aktarx tagħmilha possibbli li xi persuna msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu tiġi identifikata.

(3) Kull persuna li taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dikjarazzjonijiet foloz.

128B. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull persuna li xjentement tagħmel dikjarazzjoni falza, kemm bil-fomm kemm bil-kitba, għall-finijiet ta' jew f'konnessjoni ma' adozzjoni, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Persuna li xjentement tagħti informazzjoni falza fl-applikazzjoni għad-dħul ta' dettalji ta' persuna fir-Reġistru ta' Riunjoni u Informazzjoni tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34).

Impersonifikazzjoni jew rappreżentazzjoni falza.

128C. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, persuna li tippersonifika jew tirrappreżenta b'mod falz lilha nnifisha bħala tifel jew tifla adottata, ġenitur, adottant, qarib, persuna li l-kunsens tagħha għall-adozzjoni ta' tifel jew tifla hu mitlub mil-liġi, jew persuna oħra li għandha interess fit-tifel jew fit-tifla adottata, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dokumenti falsifikati.

128D. Jekk fi proċeduri ta' adozzjoni persuna tippreżenta dokument li jagħti indikazzjoni ta' kunsens għall-adozzjoni jew għar-revoka tagħha, meta l-firma tkun falsifikata jew miksuba bi frodi jew ġegħil, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Użu ta' forza.

128E. Persuna li tuża jew thedded li tuża xi forza jew trażżin jew tkorri jew thedded li tkorri, jew tikkaġuna jew thedded li tikkaġuna xi ħaġa għad-detriment ta' ġenitur ta' tifel jew tifla bl-intenzjoni li:

(a) ġġiegħel ġenitur joffri jew ma joffrix tifel jew tifla għall-adozzjoni;

(b) tinfluwenza ġenitur fuq jekk jagħtix jew le kunsens għall-adozzjoni,

tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Tneħħija ta' tifel jew tifla.

128F. Ġenitur li jagħti l-kunsens għall-adozzjoni tat-tifel jew tat-tifla tiegħu u jipproċedi biex ineħħi t-tifel jew it-

tifla mill-kura u kustodja tal-ġenitur adottiv prospettiv mingħajr l-awtorità tal-qorti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iżjed minn erba' xhur jew multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Emenda ta' l-artikolu 129 tal-liġi prinċipali.

42. L-artikolu 129 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jitħassar;

(b) il-paragrafi (e) u (f) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala (d) u (e) ; u

(ċ) fil-paragrafu (e) kif enumerat mill-ġdid tiegħu, il-kliem ", liema pieni ma jkunux iżjed minn priġunerija għal perijodu ta' sitt xhur" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 130 tal-liġi prinċipali.

43. L-artikolu 130 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kelma "barranin" għandhom jidħlu l-kliem "bejn pajjiż u ieħor";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "meta adozzjoni barranija għandha titqies" għandhom jidħlu l-kliem "meta adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għandha titqies";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "li bih tkun saret l-adozzjoni barranija" għandhom jidħlu l-kliem "li bih tkun saret l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "għal adozzjoni barranija" għandhom jidħlu l-kliem "għal adozzjoni bejn pajjiż u ieħor";

(e) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "din l-adozzjoni barranija" għandhom jidħlu l-kliem "din l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor";

(f) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "dwar l-adozzjoni barranija" għandhom jidħlu l-kliem "dwar l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor";

(g) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li adozzjoni barranija tispiċċa" għandhom jidħlu l-kliem "li adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tispiċċa".

44. Fl-artikolu 130A tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "meta adozzjoni barranija tkun regolata" għandhom jidħlu l-kliem "meta adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tkun regolata" u minflok il-kliem "għar-rigward ta' adozzjoni barranija" għandhom jidħlu l-kliem "għar-rigward ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor". Emenda ta' l-artikolu 130A tal-liġi prinċipali.

PARTI X

45. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att huma applikabbli għal proċeduri ta' adozzjoni li jinbdew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att. Disposizzjoni transitorja.

———————

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 613 tad-29 ta' Jannar, 2008.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati